**30 ta' April, 1997**

**Imħallfin:-**

**S.T.O. Joseph Said Pullicino B.A. (Hons.), LL.D. - President**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**
**Onor. Joseph D. Camilleri LL.D.**

Avukat Dottor Pio M. Valletta *noe*

*versus*

Antonio Camilleri *noe* u
l-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali

## Kap. 29 - Liġi dwar il-Protezzjoni għall-Proprjetà Industrijali

*Ħadd ma għandu l-monopolju tal-kliem fl-użu ordinarju u ġenerali tiegħu.*

*Biex tista' tinħoloq konfużjoni bejn żewġ marki m'hemmx bżonn illi l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa biżżejjed illi mill-kumpless tagħha tista' tinganna lix-xerrej fis-sens illi dan jista' jħallat merkanzija ta' wieħed ma' merkanzija ta' l-ieħor.*

*Il-konkorenza tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess fergħa ta' attività fl-istess kuntest ta' żmien u spazju.*

Il-Qorti:-

L-attur bħala mandatarju speċjali għan-nom u in rappreżentanza tal-Fondazzjoni WWF-World Life Fund for Nature ġà l-World Wildlife Fund ipproċeda b'din iċ-ċitazzjoni kontra s-soċjetà lokali Mercurius Holdings Limited u l-

Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali:

"Premess illi s-soċjetà konvenuta talbet ir-reġistrazzjoni f'Malta tat-*trade mark* konsistenti f'tikketta li rappreżentazzjoni tagħha qiegħda tiġi hawn annessa u mmarkata dokument "A" u dan a rigward ta' l-oġġetti speċifikati fl-applikazzjoni tas-soċjetà konvenuta liema applikazzjoni ġġib in-numru 20437 kif jidher mill-istess dokument "A";

Premess illi l-fondazzjoni rappreżentata mill-attur *nomine* fit-23 ta' Lulju, 1991 ressqet oppożizzjoni għat-talba fuq imsemmija b'att li vera kopja tiegħu qed tiġi hawn annessa u mmarkata dokument "B" u dan għar-raġuni, kif jidher mill-istess dokument, illi l-fondazzjoni attriċi hija l-proprjetarja tal-marki famużi mad-dinja kollha tal-kelma "Panda" u tad-disinn ta' "Panda" liema marki jinsabu rreġistrati anke ġewwa Malta fi klassijiet diversi barra li jinsabu rreġistrati f'ħafna pajjiżi oħra u bħala konsegwenza t-talba għar-reġistrazzjoni tal-marka mitluba mis-soċjetà konvenuta ma tistax tintlaqa' billi l-istess applikazzjoni tikser kemm l-artikolu rilevanti tal-Kodiċi tal-Kummerċ kif ukoll l-artikolu rilevanti tal-liġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali;

Premess illi s-soċjetà konvenuta għamlet kontro-dikjarazzjoni li biha kkontestat l-oppożizzjoni fuq imsemmija u dina l-kontro-dikjarazzjoni ġiet innotifikata lill-fondazzjoni attriċi b'ittra tal-konvenut l-ieħor il-Kontrollur tal-Proprjetà Inudstrijali tal-1 ta' Ottubru, 1991 (dokumenti C u D);

Premess illi l-fondazzjoni attriċi għandha interess li tinsisti fl-oppożizzjoni tagħha stante li tirriteniha ġusta minħabba li altrimenti l-konvenut *nomine* jkun barra li qiegħed jikkrea konfużjoni u jqarraq bil-konsumatur bl-użu tal-kelma "Panda" u r-rappreżentazzjoni tal-figura tal-"Panda" jkun ukoll qiegħed

jagħmel użu a vantaġġ tiegħu mill-*goodwill* li hu proprjetà tas-soċjetà attriċi liema *goodwill* ġie kkreat wara snin kbar ta' *marketing* u promozzjoni reklamattiva u b'hekk joħloq preġudizzju gravi għall-interessi tas-soċjetà attriċi;

Talab li għalhekk il-konvenuti *nomine* jgħidu għaliex m'għandhiex dina l-Qorti:

Tiċħad it-talba fuq imsemmija tas-soċjetà konvenuta għar-reġistrazzjoni tat-*trade mark* numru 20437 konsistenti f'tikketta li rappreżentazzjoni tagħha tinsab riportata f'dokument "A" hawn anness;

Għall-finijiet ta' l-artikolu 88 (3) tal-Kap. 24 tal-Liġijiet ta' Malta l-attur *nomine* qed jipproduċi kontestwalment garanzija għall-ispejjeż tal-kawża (dokument E);

Bl-ispejjeż kollha kontra l-konvenuti *nomine*";

Il-konvenut Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali hekk eċċepixxa:

"Illi stante n-natura ta' l-azzjoni attriċi, l-presenza ta' l-eċċipjent f'din il-kawża hija meħtieġa biss għall-eventwali esiġibbilità tal-ġudizzju u għalhekk l-istess eċċipjent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti għar-rigward tat-talbiet attriċi salv però li l-provi jkunu l-aħjar skond il-liġi;

Li huwa m'għandux ibati spejjeż";

Is-soċjetà konvenuta Mercurius Holdings Limited hekk eċċepiet:

"Illi in linea preliminari l-Avukat Dottor Pio Valletta għandu jipprova li huwa għandu r-rappreżentanza tal-Fondazzjoni W.W.F. - World Wildlife Fund for Nature ġà l-World Wildlife Fund;

Illi fil-meritu t-talbiet ta' l-attur *nomine* għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt għar-raġunijiet elenkati aktar 'l isfel u li ser jiġu spjegati aħjar waqt it-trattazzjoni;

Illi l-applikazzjoni ta' l-esponenti *nomine*, jekk aċċettata, ma jista' qatt jingħad li ser toħloq *unfair competition* u dana stante li l-W.W.F. mhix magħrufa fid-dinja u lanqas f'Malta bħala manifattriċi jew produttriċi ta' prodotti iżda hija magħrufa biss bħala fondazzjoni intiża għas-salvagwardja ta' l-annimali selvaġġi;

Illi inoltre l-attur *nomine* stante li mhux kummerċjant ma jistx jallega li għandu xi *goodwill*;

Illi l-użu da parti ta' l-esponenti *nomine* tal-"Panda" bħala *trade mark* żgur li ma jistax joħloq konfużjoni għax allura ebda kummerċjant ma jista' juża annimal selvaġġ bħala *trade mark*;

Il-Qorti tal-Kummerċ b'sentenza tat-12 ta' Diċembru, 1994 iddeċidiet billi filwaqt li laqgħet l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti *nomine* ċaħdet it-talba ta' l-attur *nomine* kif dedotta bl-ispejjeż ġudizzjarji kontra tiegħu;

Is-sentenza appellata hi hekk motivata:

"Din hija kawża impernjata fuq allegazzjoni promossa mill-attur *nomine* dwar konkorrenza żleali li skond hu ġġib il-

konsegwenza tar-rifjut tar-reġistrazzjoni ta' *trade mark* li l-attur *nomine* talab mid-dipartiment ikkonċernat u li huwa mħarrek ukoll bħala ko-konvenut f'din il-kawża għall-fini ta' integrità tal-ġudizzju;

Il-fatti tal-każ, kif jemerġu mill-provi, in suċċint huma kif ser jingħad. L-attur *nomine* jirrappreżenta fondazzjoni estera li għandha l-kwartieri ġenerali fi Gland fl-Isvizzera magħrufa bl-isem WWF - World Wide Fund for Nature, ġà l-World Wildlife Fund. L-attur *nomine* ressaq provi biex juri li huwa proprjetarju ta' marki li jġibu l-kelma "Panda" kif ukoll tad-disinn partikolari raffiguranti l-ors "panda" - liema marki jinsabu reġistrati anke ġewwa Malta. In sostenn l-attur *nomine* esebixxa ċertifikati ta' reġistrazzjoni maħruġin mill-Kontrollur tal-Proprjetà Industrijali li jmorru lura sas-sena 1981 (hekk ara dok. PV 4-5, 6-7 a fol. 33 *et sequitur* tal-proċess);

Min-naħa tiegħu l-konvenut *nomine* jallega li t-talba tiegħu sabiex jirreġistra marka li tirraffigura ukoll l-ors panda u li l-kelma panda ma toħloqx u ma tista' toħloq qatt konfużjoni fl-imħuħ tal-konsumaturi u dan għal diversi raġunijiet li ser jissemmew aktar 'il quddiem. Dan allura jfisser sostna l-konvenut Camilleri *nomine* li l-attur *nomine* m'għandu l-ebda interess li jittutela billi lanqas m'huwa kummerċjant;

L-attur *nomine* jissottometti li l-opposizzjoni tiegħu għar-reġistrazzjoni mitluba mill-konvenut Camilleri *nomine* hija fondata u ġusta għaliex altrimenti dan il-konvenut *nomine* jkun, barra li qiegħed jikkrea konfużjoni u jqarraq bil-konsumatur bl-użu tal-kelma Panda u l-figura ta' l-ors, ikun ukoll qiegħed jagħmel użu u vantaġġ tiegħu mill-*goodwill* li hu proprjetà tas-soċjetà attriċi. Skond l-attur *nomine* ukoll li għar-raġunijiet fuq imsemmija l-applikazzjoni magħmula mill-konvenut Camilleri *nomine* tikser kemm l-artikolu rilevanti tal-liġi dwar il-

Protezzjooni tal-Proprjetà Inudstrijali. Lanqas m'huwa meħtieġ, isostni l-attur *nomine*, li biex persuna tkun protetta bil-liġi trid ukoll tkun produttriċi jew manufattriċi ukoll. Minn katalogu esebit minnu inoltre għandu jirriżulta li s-soċjetà attriċi hija fil-kummerċ u tbiegħ ukoll oġġetti u kwindi hija kummerċjant. Iċċita l-Kerly biex juri li m'hemmx il-ħtieġa ta' riproduzzjoni ta' *trade mark* bid-dettalji kollha tagħha, jkun biżżejjed li tittieħed l-idea jew tingħata l-impressjoni li l-oġġett ikun ta' l-istess proprjetarju;

Il-konvenut Camilleri *nomine* ssottometta min-naħa tiegħu li r-raffigurazzjoni ta' l-ors ma tixxebbaħx, li l-oġġetti involuti huma diversi u differenti minn dawk koperti bir-reġistrazzjoni tas-soċjetà attriċi u li għalhekk il-marka ta' l-attur *nomine* hija konnessa ma' ġeneru differenti;

Il-Qorti għarblet il-provi u waslet għas-segwenti kostatazzjonijiet, jiġifieri:

Li għalkemm huwa minnu li l-konvenut Camilleri *nomine* jrid jirreġistra l-kelma Panda bil-figura ta' l-ors hija riprodotta diversament minn kif riprodotta u ttutelata mill-attur *nomine*;

Illi l-annimal magħżul huwa annimal komuni u ma jistax jittieħed l-użu esklussiv tiegħu jew ta' ismu jekk mhux f'disinn partikolari. Fid-deċiżjoni ta' din il-Qorti mogħtija fil-kawża fl-ismijiet **Avv. Dr. P.M. Valletta** ***nomine vs*** **R. Calleja** ***noe et*** mogħtija fit-28 ta' Marzu, 1994, ġie ritenut illi:

"Ma hemm xejn distintiv f'annimal komuni għal min jaf bih. Isir distintiv jekk jiġi rrappreżentat f'xi posizzjoni partikolari - kif proprju għamel l-attur *nomine*. Mela l-aspett ta' distinzjoni ma tinsabx fl-għażla ta' annimal komuni li għandu l-pil tiegħu ta' żewġ kuluri partikolari - <u>imma fil-mod kif dan</u>

jinsab raffigurat. Ġaladarba l-konvenut irraffigura l-istess annimal f'mod differenti, allura non si tratta ta' kkuppjar. Fi kliem ieħor, il-marka tal-konvenut *nomine* hija distintiva biżżejjed biex ma tiġix konfuża ma' dik użata mill-attur *nomine*";

Illi skond id-dokumenti li ġew esebiti, dak li effettivament irreġistra l-attur *nomine* hija l-figura ta' l-ors panda f'qagħda partikolari;

Illi l-oġġetti, li huma diversi u varjati ħafna, tutelati mill-attur *nomine* bl-imsemmija marka huma għal kollox differenti minn dawk li jrid jispaċċa fis-suq ta' Malta l-konvenut Camilleri *nomine*, jiġifieri *bleaching preparations and other substances for laundry use, cleaning, polishing, scouring and abrasive preparations, soaps, perfumery, essential oils, cosmetics, hair lotions and dentifrices produced by them and their trade*;

Illi t-talba attriċi kif dedotta, hija bbażata fuq il-Liġi dwar il-Protezzjoni tal-Proprjetà Industrijali u mhux ukoll fuq dak li jistipula l-Kodiċi tal-Kummerċ. Illi f'kull każ ma nġiebet ebda prova li l-attur *nomine* għandu "pjazza Malta"; ma jirriżultax li kkummerċja oġġetti lokalment li remotament għandhom x'jaqsmu ma' l-oġġetti li jrid invece jinnegozja u jbigħ il-konvenut Camilleri *nomine*. Illi għalhekk ukoll dak li ġie ċċitat minn Kerly da parte ta' l-attur *nomine* ma japplikax għal dan il-każ għaliex il-konfużjoni msemmija ma tista' tinħoloq qatt sakemm il-ġeneru huwa u jibqa' wieħed totalment divers. Difatti, anke l-klassifikazzjoni pprattikata Malta kienet tintitola lill-konvenut Camilleri *nomine* li jirreġistra l-kelma Panda u l-marka li ried jagħmel. Ix-xhud Michelle Bonello, *administrative officer* mal-Gvern fit-taqsima tad-Dipartiment tat-*Trade* fit-taqsima tal-Proprjetà Industrijali prodotta mill-konvenut *nomine*

b'xhud qalet hekk *inter alia* (ara deposizzjoni tal-15 ta' Ottubru, 1992 fol. 38 *et seq*);

"Aħna nagħmlu tiftix biex naraw jekk ikunx hemm xi ħaddieħor li jkollu diġà marka simili għall-istess raġuni reġistrata. Wara l-indaġini li għamilna sibna li ma kienx hemm ħaddieħor li rreġistra similment f'dik il-klassi;

Ngħid li fi klassijiet oħra naf li hemm meta ngħid li hemm panda fil-fatt tas-soċjetà li qed tagħmel il-kawża";

Illi fid-dawl tal-kostatazzjonijiet suesposti ma hemmx provi suffiċjenti da parti ta' l-attur *nomine* biex it-talba tiegħu kontra l-konvenuti *nomine* tiġi akkolta";

Din il-Qorti rriproduċiet il-motivazzjoni tas-sentenza appellata għax wara li kkunsidrat ir-riżultanzi proċesswali fid-dawl tal-prinċipji legali applikabbli ssib li din hija valida u twassal għad-deċizjoni korretta. Il-konsiderazzjonijiet li ser tagħmel din il-Qorti huma in aġġunta għal dawk ta' l-Ewwel Qorti u huma intiżi biss biex jissottolinejaw jekk hemm bżonn kemm hi nfondata l-oppożizzjoni ta' l-attur *nomine* għar-reġistrazzjoni tal-marka mitluba mis-soċjetà appellata u biex jagħtu riljev lil ċertu aspetti ta' fatt u ta' dritt li jkompli jagħti sustanza lill-eċċezzjonijiet fil-meritu tas-soċjetà appellata. Din il-Qorti taqbel qabel xejn mal-kostatazzjoni fis-sentenza appellata illi t-talba attriċi kif dedotta hija bbażata fuq il-liġi dwar il-protezzjoni għall-Proprjetà Industrijali u mhux ukoll fuq dak li jistipula l-Kodiċi tal-Kummerċ. Infatti l-oppożizzjoni ta' l-appellant *nomine* mhix istigata u mmotivata b'xi azzjoni ta' konfuzjoni attwali fis-suq jew konkorrenza żleali fin-negozju. Ċertament ma jirriżultax u lanqas hu allegat illi l-marka rreġistrata mill-appellant *nomine* kienet qed tintuża minnha x'imkien fid-dinja *in respect of bleaching and other substances*

*for laundry use, cleaning, polishing, scouring and abrasive preparations, soap, perfumery, essential oils, cosmetics, hair lotions and dentifrices*. Hu għall-kuntrarju ppruvat illi l-marka li fuqha qed jinsisti l-attur *nomine* biex javvanza l-oppożizzjoni tiegħu ġiet irreġistrata bħala *trade mark* f'Malta fir-rigward ta' oġġetti għal kollox diversi li jaqgħu taħt kategoriji kompletament distinti. Dana kif jidher mill-kopji taċ-ċertifikat ta' reġistrazzjoni mmarkati numri 14667, 14668, 14669 u 146670;

Huwa fil-fehma ta' din il-Qorti mill-aktar rilevanti fir-rigward ta' l-effett viżiv tal-marka rreġistrata mill-appellant, ikkomparata u mqabbla mal-marka li qed jitlob li tiġi lilu u favur tiegħu rreġistrata l-appellat *nomine*, is-segwenti:

Il-figura ta' l-annimal panda rreġistrat mill-attur *nomine* fit-tliet reġistrazzjonijiet tiegħu hi waħda verament distintiva. Tingħaraf immedjatament u hi ċertamet inkonfondibbli ħdejn figuri oħra ta' l-istess annimal. Ċertament kull raffigurazzjoni li tixbah jew toqrob lejn dik irreġistrata mill-appellant *nomine* - li hi llum verament universalment irrikonoxxuta - tkun tikkrea konfużjoni fis-suq u f'dak il-każ kienet tkun allura raġuni valida għal oppożizzjoni;

Fil-verità però l-invers hu ukoll veru. Jiġifieri jekk tintalab ir-reġistrazzjonii ta' raffigurazzjoni ta' l-istess annimal imma b'mod għal kollox divers u mad-daqqa t'għajn distint, dan bl-ebda mod ma jkun qed jikkrea konfużjoni kif qed jippretendi l-appellant *nomine*. Il-marka li qed jitlob ir-reġistrazzjoni tagħha l-konvenut *nomine* Antoine Camilleri ma għandha assolutament xjen x'taqsam ma' dik tal-marka proprjetà ta' l-appellant *nomine* u dan jidher *ictu oculi*. Kull tentattiv għal analiżi ta' l-ovvju jkun offiża għall-intelliġenza tal-konsumatur ordinarju. Li kieku ma kienx għal-logo b'ittri kbar "PANDA" il-figura

minuskola ta' quadrupedu li jidher jistrieħ f'dawn l-ittri jixbah ferm aktar *teddy bear soft toy* milli l-annimal rari kważi mitiku li jgħix fil-ġungla Ċiniża u li tiegħu l-assoċjazzjoni attriċi tant fedelment irriproduċiet l-karatteristiċi partikolari tiegħu. Il-panda ta' l-attur *nomine* huwa immedjatament rikonoxxibbli. Dak riprodott fil-marka tas-soċjetà konvenuta huwa tista' tgħid irrikonoxxibbli li ma kienx proprju għall-kelma Panda fl-istess marka;

Il-kelma "Panda" u l-mod partikolari kif hi rappreżentata infatti hi l-parti ċentrali li tolqot l-għajn fil-marka tas-soċjetà appellata. U dan hu relevanti għax fil-verità nonostante l-enfasi li saret mill-appellant *nomine* fit-trattazzjoni tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Kummerċ u anke quddiem din il-Qorti fuq l-oġġezzjoni tal-prinċipali tiegħu għall-użu tal-kelma "Panda" din il-kelma mkien ma tiffigura fit-tliet reġistrazzjonijiet tal-marka tiegħu. L-uniċi kliem li jirriżultaw huma dawk fir-reġistrazzjoni numru 146670 u dawn huma "WWF ... World Wild Fund". Fejn hemm l-ispazju hemm il-figura karatteristika u partikolari tal-Panda li hi l-marka tal-W.W.F.;

Minn dan biss għandu jkun ċar illi dik l-oġġezzjoni ta' l-attur *nomine* għall-użu tal-kelma Panda għandha titqies li hi għal kollox insostenibbli għax kif prospettata tippresupponi d-dritt tas-soċjetà WWF li hi biss tuża dik il-kelma. Dan sal-punt li avolja hi stess ma tużax dak in-nom tippretendi li ħadd ma seta' jitħalla jużah in kwantu dan seta' bis-subkonxju jqanqal kompetizzjoni mal-marka tagħha bħallikieku l-kelma fiha nfisha setgħet biss tikkonġettura l-figura tal-panda kif rappreżentata u użata minn WWF. Atteġġjament dan għal kollox inkomprensibbli u żgur mhux sostenibbli fil-liġi. Ħadd ma għandu l-monopolju tal-kliem f'użu ordinarju u ġenerali;

"*It is undoubtedly a matter of importance to protect a*

*trader from any unfair attempt to take advantage of his registration but it is I think equally important to protect His Majesty's subjects to their right to use the King's English and the law will not recognise a monopoly of English words of common import.*" (**William Stevens Limited** *vs* **Cassell**);

Dan japplika *multo magis* meta dik il-kelma effettivament ma tiffigurax fit-*trade mark* ta' min ikun qed joġġezzjona għar-reġistrazzjoni ta' ħaddieħor;

Kif fuq aċċennat l-azzjoni odjerna hi bbażata fuq id-disposizzjonijiet tal-Kap. 29 u mhux fuq id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 32 tal-Kodiċi tal-Kummerċ li joffri protezzjoni kontra l-konkorrenza żleali irrispettivament minn jekk tkunx jew le saret xi reġistrazzjoni. Infatti fil-kawża **A. Sant Manduca** *nomine* *vs* **A. Mizzi** *et* deċiża fl-24 ta' Marzu, 1993 ġiet ritenut illi s-soċjetà attriċi kellha bir-reġistrazzjoni tal-marka dritt ta' l-użu esklussiv tal-marka kif irreġistrata iżda ma setgħetx titlob protezzjoni taħt dik l-Ordinanza kontra l-użu ta' marka li ma kinitx l-istess bħal dik irreġistrata mid-ditta attriċi (ara ukoll Vol. XXVII, pt. III, p. 1320; Vol. XLVIII, pt. I, p. 549 u Vol. XXVIII, pt. III, p. 1199);

Fil-każ taħt eżami ma hemmx dubbju illi l-marka li qed jitlob ir-reġistrazzjoni tagħha l-konvenut *nomine* ma għandha assolutament xejn x'taqsam ma' dik *distinctively reproduced* mill-attur *nomine* u bl-ebda mod u bl-ebda tiġbid ta' immaġinazzjoni m jista' wieħed jikkonkludi li din setgħet jew kienet ser tikkrea xi konfużjoni jew konkorrenza żleali jekk l-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tiġi milqugħa;

"Biex tista' tinħoloq din il-konfużjoni ma hemmx bżonn illi l-imitazzjoni tkun perfetta, imma huwa biżżejjed illi mill-kumpless tagħha tista' tinganna lix-xerrej fis-sens li dan jista'

jħallat merkanzija ta' wieħed mal-merkanzija ta' l-ieħor" (Deċiża mill-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża **G. Vella Zarb *nomine vs* G. Portelli** kif ukoll *vide* Vol. XXVIII, pt. I, p. 776 u Vol. XIX, pt. I, p. 80);

*F'dan il-kuntest hu illuminanti* l-kumment tal-Kerly's Law of Trade Marks (10th Edition - 1972, p. 172 *et seq*) fir-rigward tal-prinċipju leġislattivament rikonoxxut illi:

*"it is not ... lawful to register as a trade mark or part of a trade mark any matter the use of which would by reason of its likely to deceive or cause confusion or otherwise be disentitled to protection in a court of justice"*;

Fil-każ taħt eżami hu manifestament ovvju illi l-marka li tagħha qed tintalab ir-reġistrazzjoni mill-konvenut *nomine* bl-ebda mod ma għandha potenzjalment jew attwalment elementi li jistgħu taħt xi aspett jikkaġunaw konfużjoni, qerq jew konkorrenza żleali mal-marka tal-prodotti ta' ħaddieħor u b'mod partikolari u speċifiku mal-marka li l-appellant *nomine* għandu rreġistrat favur tiegħu;

Dan biex wieħed ma jgħidx illi l-konkorrenza - anke jekk mhux fattur determinanti f'din il-kawża - "neċessarjament tfisser kompetizzjoni bejn tnejn fl-istess fergħa ta' attività, fl-istess kuntest ta' żmien u spazju" (**Dr. P. Valletta *nomine vs* Joseph Tanti**, deċiża *minn din il-Qorti fil-11 ta' Marzu, 1992*). Ċertament fil-każ taħt eżami din l-identità ta' interess jew kompetizzjoni fl-istess fergħa ta' attività ma tirriżultax;

L-appellant *nomine* fil-petizzjoni tiegħu jiċċita estensivament lill-awtur Kerly's (*ibid*) f'tentattiv biex jagħmel paragun bejn iż-żewġ marki u biex jasal għall-konklużjoni illi "*fil-każ in eżami* allura jekk il-figura tal-Panda hija l-idea

prinċipali tal-marka ta' l-attur *nomine*, il-fatt li l-konvenut Camilleri *nomine* għamel użu mill-istess figura tal-Panda anke rraffigurat b'mod differenti ma għandux jeżenti lill-istess Camilleri *nomine* milli jiġi ssanzjonat u mwaqqaf". Però mill-provi kif jirriżultaw naturalment huwa diffiċli jekk mhux addirittura impossibbli li wieħed isostni teżi simili tenut kont illi ma teżisti l-ebda somiljanza bejn iż-żewġ marki tant li l-marka ta' l-attur *nomine* għandha l-*essential feature* tagħha, li immedjatament tagħmilha identifikabbli għal kollox, assenti mill-marka li l-konvenut *nomine* jixtieq jirreġistra. Marka li min-naħa tagħha għandha *essential features* fl-istess kelma "Panda" li hija totalment assenti f'dik ta' l-attur *nomine*. L-argumenti ċċitati minn Kerly għalhekk, jekk xejn, sewwa applikati jiżmentixxu t-teżi ta' l-attur *nomine*. Ma hemm l-ebda somiljanza fl-idea prinċipali taż-żewġ marki. Ma jista' jkun hemm assolutament l-ebda ingann jew qerq u l-protezzjoni li qed jittanta jakkwista l-attur *nomine* bil-preżenti istanza infatti tammonta għall-protezzjoni ta' dritt ta' monopolju li jagħmel użu esklussiv ta' l-annimal panda f'kull manifestazzjoni immaġinabbli tiegħu kemm viżiv kif ukoll letterarju kemm reali kif ukoll suġġerita. Dana b'mod li jiżgura li ħaddieħor ma jitħalla b'ebda mod, anke b'sempliċi referenza, jagħmel użu minn dan l-annimal għal skopijiet tan-negozju tiegħu anke fejn dan in-negozju ma kellu assolutament xejn x'jaqsam ma' l-attività tal-Fondazzjoni attriċi. Teżi din għal kollox insostenibbli fil-liġi;

Għal dawn il-motivi l-appell qed jiġi miċħud u s-sentenza appellata kkonfermata;

L-ispejjeż taż-żewġ istanzi jkunu a karigu ta' l-appellant *nomine*.